MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2009

Appell Civili Numru. 474/2007/1

**Charles Grixti**

**v.**

**Bouchra Boukaoua**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur prezentat fit-3 ta' Dicembru 2007, li jaqra hekk:

"1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li jismu A.B. li llum ghandu erba' snin;

“2. Illi l-intimata telqet mid-dar fejn il-partijiet kienu qeghdin ighixu jigifieri minn 32, St. Catherine Street, Birzebbuga u dan ghamlitu minn rajha;

“3. Illi hemm biza’ fondat illi l-intimata titlaq minn Malta minhabba l-fatt illi hija ta’ nazzjonalita` Marokkina u ghandha l-familja taghha kollha tghix gewwa l-Marokk u hawn Malta ma ghandha ebda qraba jew parentela;

“4. Illi *di piu’* l-intimata la ghandha *work permit* u lanqas ghandha *freedom of movement* u ghalhekk jekk ikollha titlaq minn Malta zgur li tiehu lill-iben taghhom maghha lejn il-Marokk jew lejn xi pajjiz Gharbi iehor;

“5. Illi jekk ikollha l-kura u l-kustodja tal-minuri din ser tippregudika serjament id-drittijiet tal-missier jigifieri l-esponenti ghax jekk l-intimata tahrab jew titlaq minn Malta bil-minuri u jkollha digriet ta’ kura u kustodja jkun impossibli ghall-esponenti sabiex jgib lill-minuri ibnu lura lejn pajjizu jigifieri Malta minhabba li l-intimata jkollha l-kura u l-kustodja;

“6. Illi l-esponenti gie awtorizzat mill-Onorabbli Qorti permezz ta’ digriet numru 1757/07 datat 19 ta’ Ottubru 2007 sabiex jipprocedi bil-kawza u dan wara li l-medjazzjoni nghalqet;

“Ghaldaqstant l-esponenti jitlob ghaliex din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“Tafda l-kura u kustodja tal-minuri A.B. esklussivament f’idejn l-esponenti missieru.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta tal-25 ta’ Marzu 2008 li in forza taghha eccepiet illi;

“1. Illi fl-ewwel lok u preliminarjament, ir-rikors guramentat tar-rikorrenti huwa null *stante* illi r-rikorrent naqas milli jindika dawk il-fatti kontenuti fl-istess rikors, li huwa jaf bihom personalment *ai termini* tad-

dispozizzjonijiet tal-Artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

"2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba tar-rikorrenti hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, *stante* illi huwa inkoncepibbli illi l-eccipjenti, bhala omm il-minuri A.B., tista' tigi michuda mill-kura u kustodja ta' binha stess sempliciment ghaliex hija ma hijiex ta' nazzjonalita` Maltija;

"3. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda wkoll *stante* illi l-istess talba ghandha tigi ezaminata fid-dawl mhux ta' dak li jista' jkun fl-interess tal-istess rikorrenti jew li jista' jippregudika d-drittijiet tieghu, izda esklussivament fid-dawl ta' dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri, skond l-iskrota tal-gurisprudenza tal-Qrati taghha, u effettivament, l-ahjar interess tal-minuri f'dan il-kaz jirrikjedi illi huwa ma jigix imcahhad mill-kura u l-kustodja ta' ommu li maghha jghix feliciment u fl-iktar ambjent trankwill u ta' imhabba;

"4. Illi jsegwi ghalhekk li certament, ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri illi ommu tigi mcahhda mill-kura u kustodja tieghu kif qed jitlob ir-rikorrenti, u ghaldaqstant, it-talba tieghu ghandha tigi michuda;

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi dikjarat illi l-eccipjenti taqbel ma' dak li hemm dikjarat fl-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, izda tippreciza illi l-partijiet ma kellhomx biss relazzjoni bejniethom, izda kienu effettivament izzewgu skond ir-rit Islamiku fl-14 ta' Frar 2002 gewwa l-Moskea, Rahal Gdid;

"6. Illi ghar-rigward dak li gie dikjarat fit-tieni paragrafu tar-rikors guramentat, dan ma huwiex korrett u l-eccipjenti tirrileva illi hija, flimkien mat-tifla minuri taghha Sabrin Ali, giet imkeccija, ghal darb' ohra, mid-dar fejn kienu jghixu l-partijiet, u dan anke wara incident fejn ir-rikorrenti kien vjolenti fil-konfront tal-imsemmija minuri, skond kif jista' jirrizulta mir-rapport relattiv li sar lill-Pulizija kif ukoll mit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

"7. Illi l-eccipjenti ma taqbel xejn mal-kontenut tat-tielet paragrafu tar-rikors guramentat *stante* illi hija ma ghandha l-ebda ntenzjoni illi titlaq minn Malta, fejn ilha tghix ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena, u aktar u aktar meta ghandha z-zewg uliedha li t-tnejn twieldu u dejjem trabbew Malta, jattendu l-iskola u jaghmlu l-hajja taghhom hawn Malta. Ghalhekk il-*"biza'"* li ghandu r-rikorrenti hija kompletament fabbrikata u infondata, u ma hemm l-ebda dubju illi l-eccipjenti tixtieq tipprovdi l-ahjar kwalita` ta' hajja possibbli ghal uliedha u certament mhux li tiddistabbilizzahom, u dan minghajr pregudizzju ghall-fatt illi l-eccipjenti ghandha tkun libera li thalli l-pajjiz jekk dan ikun fl-ahjar interess ta' wliedha;

"8. Illi jigi eccepit ulterjorment, u dejjem minghajr pregudizzju, illi hekk kif ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat, l-eccipjenti applikat u ottjeniet *residence permit* biex tkun tista' tibqa' Malta ma' wliedha, kif jista' jirrizulta mid-dokument hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok. BB, u l-fatt illi ma ghandhiex u ma kellhiex *work permit* huwa rrilevanti ghal dak li huwa fl-ahjar interess tal-minuri, *stante* illi meta l-partijiet kienu jghixu flimkien, l-eccipjenti kienet mara tad-dar u f'dawn l-ahhar hmistax-il sena hija qatt ma kellha *work permit stante* illi qatt ma kellha bzonn li jkollha *work permit*;

"9. Illi in vista ta' dan kollu, l-allegazzjoni tar-rikorrenti illi l-eccipjenti tista' tahrab minn Malta hija barra minn lokha u assolutament infondata, ghalkemm ma jistax ma jigix rilevat illi kien ir-rikorrent stess illi pprova jimmanuvra biex ikecci lill-eccipjenti minn Malta u jostakola l-applikazzjonijiet kollha taghha kif fuq imsemmija, skond kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

"10. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in vista tal-fatt illi dawn il-proceduri ma gewx ibbazati fuq, u saru mhux sabiex jigi determinat x'inhuwa, fl-ahjar interess tal-minuri izda biss sabiex ir-rikorrenti jimponi r-rieda tieghu fuq l-istess eccipjenti minhabba n-

nazzjonalita` taghha, l-eccipjenti ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri taht l-ebda cirkostanza;

"11. Illi fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kura u kustodja provvizorja tal-minuri diga` giet fdata f'idejn iz-zewg partijiet konguntivament permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Settembru 2007;

"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-kontro-talba tal-istess konvenuta li taqra hekk:

"1. Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u kienu sahansitra zzewgu bir-rit Islamiku fl-14 ta' Frar 2002, u minn din ir-relazzjoni twieled il-minuri A.B.;

"2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet, u llum, il-minuri A.B. qieghed jirrisjedi ma' l-esponenti matul il-gimgha, u mar-rikorrenti rikonvenut matul il-*weekend*, u dan skond arrangament informali u temporanju milhuq bejn il-partijiet;

"3. Illi permezz ta' digriet moghti fl-atti tal-medjazzjoni fl-ismijiet **Charles Grixti v. Bouchra Boukaoua"** (Ittra numru 779/07), kif ukoll fl-atti tal-medjazzjoni fl-ismijiet inversi **Bouchra Boukaoua v. Charles Grixti"** (Ittra 787/07) gie ordnat illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun kongunta bejn il-partijiet;

<u>Raguni tat-Talba</u>

"4. Illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u l-kustodja tieghu tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti b'mod definittiv, u dan ghal diversi ragunijiet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

"5. Illi minn mindu ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet madwar seba' xhur ilu, ir-rikorrenti rikonvenut baqa' ma hallas l-ebda ammont lill-esponenti *in linea* ta' manteniment ghall-minuri A.B., bil-konsegwenza illi l-esponenti qieghda trabbi lill-minuri wahedha minghajr

ebda kontribuzzjoni minghand missieru r-rikorrenti rikonvenut;

“6. Illi l-esponenti giet awtorizzata illi tipprocedi b’kawza *ad hoc* wara illi l-medjazzjoni bin-numru 787/07 inghalqet minghajr ma ntlahaq l-ebda qbil bejn il-partijiet, u dan permezz ta’ digriet 19 ta’ Ottubru 2007, li kopja taghha qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. BB1;

“7. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-esponenti.

“Jghid ir-rikorrenti rikonvenut ghaliex din l-Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kura u l-kustodja tal-minuri A.B. tigi fdata esklussivament lil ommu l-intimata rikonvenjenti, bi dritt ta’ access favur ir-rikorrenti rikonvenut;

“2. Tiffissa dik ir-retta alimentarja li ghandha tithallas mir-rikorrenti rikonvenut lill-intimata rikonvenjenti, *in linea* ta’ manteniment ghall-minuri A.B..

“Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenut li jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta li in forza taghha eccepixxa:

“1. Illi t-talba ghall-kura u kustodja ta’ A.B. li ghandha tigi fdata f’idejn Bouchra Boukaoua ghandha tigi michuda *stante* li jezisti l-biza’ fondat li Bouchra Boukaoua tista’ titlaq minn Malta mal-minuri u l-esponenti qatt ma jkun jista’ jara aktar lil ibnu A.B..

“2. Illi t-tieni talba hija mmirata sabiex Bouchra Boukaoua tkun tista’ ssahhah l-ewwel talba taghha u ghall-ebda raguni ohra u dan apparti l-fatt illi hija tahdem *self-employed* regolarment.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-22 ta' Mejju 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"......tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tichad it-talba attrici u dan billi taffida l-kura u l-kustodja tal-minuri A.B. f'idejn il-konvenuta; fir-rigward tal-kontro-talba tichad l-eccezzjonijiet tal-attur u tilqa' t-talba tal-konvenuta kif inghad bl-attur ikollu access kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5:00 p.m. sas-7:30 p.m[1]; tikkundanna lill-attur ihallas manteniment fis-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar li jkunu jkopru l-ispejjez kollha necessarji ghall-minuri izda jekk dan ikun jinkorri spejjez ta' *fees* ta' skejjel u trasport ghall-iskola, l-attur ikun tenut ihallas nofs l-ammonti in kwistjoni; fir-rigward l-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu bla taxxa bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi kif gia` inghad l-partijiet it-tnejn qed titlob li tinghata l-kura u kustodja tal-minuri msemmi. Il-partijiet kif jidher mill-atti msemmija kellhom relazzjoni li minnha twieled il-minuri msemmi u l-partijiet ma ftehmux fuq il-kura u kustodja u allura naturalment lanqas fuq il-manteniment.

"Ma hemmx dubju ghall-Qorti li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li jibqa' fil-kura u kustodja tal-konvenuta kif gia` deciz b'digriet ta' din il-Qorti. Dan minghajr ma wiehed jeskludi xi tibdil fil-futur izda fil-mument il-konvenuta qeghda f'sitwazzjoni li tista' tiehu l-ahjar kura tieghu *nonostante* l-fatt li l-attur ukoll huwa fil-fehma tal-Qorti persuna affidabbli f'dan l-aspett. Il-Qorti pero` in mankanza ta' ftehim ikollha taghzel u ghalhekk se tiddeciedi kif gia` inghad. Il-fatt li l-attur ta b'titolu ta' donazzjoni l-fond fejn joqghod lill-minuri u li l-uzu ta' dan il-fond jista' jsir ta' min ikollu l-kura u kustodja tal-minuri ma hux ta' rilevanza ghaliex ladarba l-attur kien kuntent

[1] u b'digriet tat-27 ta' Mejju 2009 gew mizjuda l-kliem "u mis-Sibt fil-5:00 p.m. sal-Hadd fil-5:00 p.m."

jaghmel dan messu rrealizza l-perikli li seta' jkollu dan il-gest. Din il-Qorti trid tiddeciedi biss dwar il-gid tat-tifel.

"Fir-rigward tal-access il-Qorti se testendi l-hinijet li jkollu l-konvenut anke in vista tal-fatt li l-konvenuta nhar ta' Hadd tkun xoghol billi tbiegh f'*car boot sale* li necessarjament ifisser qawmien kmieni wisq ghal tifel li ghadu zghir.

"Ghal dak li hu manteniment il-Qorti ukoll se tvarja l-ammont ghal mitejn u hamsin Ewro (€250) kull xahar minflok mitejn, tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94)  kull erba' gimghat b'effett mill-1 ta' Gunju 2009 biex jitnaqqsu l-ewkivoci."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

"......tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fit-22 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet fuq premessi billi tilqa' dan l-Appell u ghalhekk tilqa' t-talbiet tal-attur kif ukoll ir-risposta ossia eccezzjonijiet tal-kontro-talba bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta."

Rat ir-risposta tal-konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, issottomettiet illi l-appell pprezentat mill-attur ghandu jigi michud, u li s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata *in toto*, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi din hi kawza ghall-kura u l-kustodja ta' minuri li twieled minn relazzjoni li kellhom il-partijiet.  Huma ghamlu zmien twil ighixu flimkien, cioe`, bejn l-2001 u l-2007; il-minuri twieled fis-27 ta' Jannar 2003.  Il-firda bejniethom sehhet fis-16 ta' Lulju 2007, izda kien biss f'Settembru tal-istess sena li l-konvenuta hadet lit-tifel joqghod maghha fejn

ghadu sal-lum. It-tifel pero` baqa' joqghod ma' missieru l-attur fil-*weekends*. Dan l-arrangament intlahaq wara medjazzjoni li saret fil-mori ta' dawn il-proceduri.

L-ewwel Qorti semghet ix-xhieda li ressqu l-partijiet u ddecidiet li tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri f'idejn il-konvenuta ommu. L-attur ressaq dan l-appell fejn talab li jinghata l-kura u l-kustodja tal-minuri jew tal-anqas li jzomm kontroll fuq certi aspetti tal-hajja ta' ibnu.

Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u tara li, fil-verita`, iz-zewg partijiet jidhru idoneji li jkomplu jiehdu hsieb il-minuri, u idealment il-partijiet ghandhom jinsew id-differenzi li nqalghu bejniethom u jikkoperaw fl-izvilupp tal-istess tifel. Sakemm dan jibqa' mhux possibli, il-Qorti trid bilfors tiddeciedi min, mill-genituri, se jitghabba bil-piz tat-trobbija immedjata tat-tifel. Ghalkemm, kif inghad, iz-zewg partijiet huma kapaci u idoneji li jiehdu hsieb lit-tifel, la darba dawn mhux qed ighixu flimkien u ma lahqux ftehim kif jaqsmu r-responsabbilitajiet, din il-Qorti trid bilofrs tiddeciedi hi min mill-genituri se jinghata dan l-inkarigu.

L-attur ma joggezzjonax li l-konvenuta zzomm it-tifel hi, pero` jibza' li din titlaq minn Malta bl-istess tifel u thallih 'il boghod minnu. Din il-biza' gejja mill-fatt li l-konvenuta hija mill-Marokk u ghandha membri tal-familja li ghadhom ighixu f'dak il-pajjiz. Ma jirrizultax, pero`, li fis-sitwazzjoni attwali, din il-biza' hija biza' fondata, ghall-anqas certament mhux a bazi tal-provi li tressqu f'din il-kawza. Il-konvenuta ilha tghix hawn Malta ghal aktar minn 15-il sena, ghandha permess tirrissjedi f'dan il-pajjiz u ghandha tifla li diga` qeghda *Form* 2 fi skola lokali u taf biss l-Ingliz u l-Malti. Hi stess qalet li taf li t-tfal ghandhom futur ahjar hawn Malta milli gewwa l-Marokk u mhix se taqla' lit-tifla taghha minn Malta biex tehodha l-Marokk, go skola gdida fejn il-lezzjonijiet isiru bl-Gharbi u/jew bil-Franciz.

Ovvjament, ma hemm xejn xi jzomm lill-konvenuta tiddeciedi, f'salt wiehed, li taqbad u tippakkja hwejjigha u tmur f'pajjiz iehor, ghax kollox hu possibbli taht il-kappa tax-xemx, u ghalkemm din il-biza' ma tidhirx attwali fil-

prezent, din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha timponi certi kontrolli fir-rigward tat-tifel komuni tal-partijiet.

Ghar-rigward tal-kura u l-kustodja giornaliera tat-tifel, din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni li hadet l-ewwel Qorti li tafda l-istess lill-omm. Din il-Qorti mhux qed tghid li l-attur huwa inkapaci jrabbi lill-ibnu, pero`, meta qieset il-fattispecie tal-kaz, inkluz in-nuqqas ta' interess li, milli jidher, l-attur juri lejn uliedu miz-zwieg tieghu (precedenti ghal din ir-relazzjoni), u meta qieset ukoll r-rabta li t-tifel ghandu mal-omm, tara li jkun ahjar li t-tifel jibqa' mal-konvenuta. Il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, trid tara x'inhu l-ahjar ghall-minuri, u meta qieset kollox, waslet ghall-konkluzjoni li t-tifel ikun aktar kuntent jekk jithalla mal-omm. L-attur jidher li hu pjuttost goff fi kliemu u f'ghemilu, waqt li l-omm ghandha attitudni differenti u l-atteggjament taghha lejn it-tifel jaghti aktar affidament ta' trobbija kalma ghall-istess minuri. Hemm xhieda li semghu lill-attur jidghi quddiem iz-zewg ulied tal-konvenuta u jkun 'goff' mal-istess konvenuta u bintha. Huwa wera li, finanzjarjament, kien generuz ma' ibnu (pogga dar fuq isem il-minuri biex hadd hliefu ma jkollu dritt fuq dik il-proprjeta`), pero`, tara li ghall-eta` zghira li ghad ghandu l-minuri, it-tenerezza u d-dixxiplina umana li qed turi l-omm, huma aktar indikati, u ghalhekk ikun gust u xieraq li hi tibqa' tithalla tiehu hsieb it-tifel. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll ir-rakkomandazzjoni tal-avukat tat-tfal, fis-sens li jkun ahjar ghat-tifel li jigi fdat lill-ommu u li jithalla jibqa' jghix maghha fir-residenza li fiha kienu jghixu lkoll flimkien.

Min-naha l-ohra, f'dan il-kaz ma jidhirx li jezistu l-estremi biex il-missier jiccahhad ghal kollox mid-drittijiet tieghu ta' *patria potestas* fuq ibnu minuri. Hu jidher li jhobb lill-ibnu, u apparti l-access li nghatalu, jixraq li jibqa' jzomm certu kontroll fuq certi aspetti importanti tal-hajja tal-minuri. Certi decizjonijiet importanti li jolqtu s-sahha, l-edukazzjoni, ir-religjon u s-safar tat-tifel ghandhom jittiehdu bi qbil bejn il-partijiet, jew, fin-nuqqas mill-Qorti kompetenti li tkun tista', f'kull kaz, tara' x'ikun fl-ahjar interess tal-minuri.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tilqghu biss in parte, fis-sens li filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, tipprovdi wkoll li l-minuri A.B. ma jithalliex isiefer minn dawn il-gzejjer jekk mhux bil-kunsens espress taz-zewg partijiet jew wara awtorizzazzjoni mill-Qorti kompetenti, u li kull decizjoni li tista' taffettwa s-sahha, l-edukazzjoni jew it-trobbija religjuza tal-minuri tkun ukoll kongunta, jew, fin-nuqqas ta' qbil, skond ma tiddeciedi l-Qorti kompetenti.
L-ispejjez tal-kawza, anke ta' dan l-appell, ghandom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Fl-ahharnett tordna li kopja ufficjali ta' din is-sentenza tigi notifikata, a karigu u spejjez tar-Registratur, lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni u lill-Ufficjal Principali tal-Passaporti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------